



29.9.2014

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1711/2013 imressqa minn Rolandos Ioannou, ta' ċittadinanza Ċiprijotta, dwar ksur tat-TFUE mir-Repubblika ta' Ċipru

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant isostni li l-awtoritajiet Ċiprijotti qed jonqsu milli jimplimentaw il-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja tal-UE u li l-UE mhu qed tieħu ebda azzjoni sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. Bħala eżempju huwa jirreferi għall-awtoritajiet tat-telekomunikazzjoni u l-portijiet nazzjonali u jallega li huwa stess kixef korruzzjoni mifruxa. Itenni li ebda azzjoni ma ttieħdet u li hu kien l-uniku wieħed li ġarrab il-konsegwenza kollha, peress li hu u l-familja kbira tiegħu tħallew f' diffikultajiet finanzjarji serji minħabba f'hekk.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-13 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-29 ta' Settembru 2014

Fir-rigward ta' din il-preżentazzjoni, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet talab informazzjoni mill-Kummissjoni rigward proġetti ffinanzjati mill-UE.

Il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li l-ebda rabta ma setgħet tiġi stabbilita mall-azzjonijiet kofinanzjati tal-FEŻR/FK, peress li l-ebda element imsemmi fil-petizzjoni ma jirrigwarda proġett ikkofinanzjat mill-FEŻR/FK.